# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 687/2009

## tad-29 ta' Lulju 2009

## li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2008, (KE) Nru 878/2008 u (KE) Nru 879/2008 li jiftħu sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid ta' zokkor miżmum mill-aġenziji ta' intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 43(d) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2008 [2], (KE) Nru 878/2008 [3] u (KE) Nru 879/2008 [4] fetħu sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju, il-bejgħ mill-ġdid għall-użu industrijali u l-bejgħ mill-ġdid għall-esportazzjoni ta' zokkor miżmum mill-aġenziji ta' intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja.

(2) Ammont massimu globali ta' 345 539 tunnellata ta' zokkor miżmum mill-aġenziji ta' intervent kien disponibbli għall-bejgħ mill-ġdid. Wara l-bejgħ mill-ġdid fil-qafas tal-offerti li kienu miżmuma mill-1 ta' Ottubru 2008 kwantità totali ta' 34 081 tunnellata ta' zokkor baqgħet ma nbigħitx.

(3) L-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 983/2008 tat-3 ta' Ottubru 2008 li jadotta l-pjan għall-allokazzjoni lill-Istati Membri ta' riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2009 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità [5], ipprovda għall-irtirar ta' ammont globali ta' 119 687 tunnellata ta' zokkor mill-ħażniet tal-intervent tal-Komunità għad-distribuzzjoni lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

(4) Fir-rigward tal-pjan tal-2010 tad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn, il-kwantitajiet globali taz-zokkor mitluba mill-Istati Membri bħalissa jaqbżu l-kwantità disponibbli. Huwa għalhekk xieraq li l-ħażniet kollha ta' zokkor ta' intervent li fadal jinżammu u tingħalaq is-sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid ta' zokkor ta' intervent.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 877/2008, (KE) Nru 878/2008 u (KE) Nru 879/2008 għandhom jitħassru.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENTI:

*Artikolu 1*

Ir-Regolamenti (KE) Nru 877/2008, (KE) Nru 878/2008 u (KE) Nru 879/2008 huma mħassra.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 241, 10.9.2008, p. 3.
[3] ĠU L 241, 10.9.2008, p. 8.
[4] ĠU L 241, 10.9.2008, p. 13.
[5] ĠU L 268, 9.10.2008, p. 3.